# Riflessjoni dwar
# it-Tielet Ħadd tar-Randan
# (Sena Ċ)

## Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin (10:1-6.10-12)

Ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti, li missirijietna lkoll kienu taħt is-sħaba, ilkoll qasmu l-baħar, ilkoll kienu mgħammda f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar, ilkoll kielu mill-istess ikel spiritwali - xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu - madankollu l-biċċa l-kbira minnhom lil Alla ma għoġbuhx għax ilkoll waqgħu mejta fid-deżert.

Dan ġara b'eżempju għalina, biex ma nixxennqux għal ħwejjeġ ħżiena, bħalma xxennqu huma.
Anqas ma għandkom tgergru, kif għamlu xi wħud minnhom, u qeridhom il-Qerried.

Dan kollu ġralhom b'eżempju, u nkiteb bi twiddiba għalina li fuqna wasal tmiem iż-żminijiet. Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax.

Il-Kelma tal-Mulej.
*Irroddu ħajr lil Alla.*

Ejjew niftakru li dan vjaġġ, imma l-vjaġġ mhux qed nagħmluh waħidna, imma qed nagħmluh mal-aħwa fi Kristu. Meta naħsbu fi vjaġġ tajjeb li naħsbu xi jfisser dan il-vjaġġ u x'għandna bżonn għal matul il-vjaġġ u x'inhi d-destinazzjoni finali.

Matul ir-Randan, f'dawn l-erbgħin jum qegħdin niftakru, Ħadd wara Ħadd, dwar dak li hu importanti li nieħdu ħsieb u dwar dak li jagħmel id-differenza. U x'jagħmel differenza fil-ħajja tagħna? Kemm għandna affarijiet materjali? Kemm nieklu ikel tajjeb? Kemm għandna ħbieb? Tajjeb li niftakru li dak li verament jaqta' l-għatx, u għalfejn nagħmlu 40 jum ta' sagrifiċċju. Tajjeb li nerġgħu nifhmu fejn sejrin f'dan il vjaġġ.

Fit-Tieni Qari qegħdin naqraw dwar il-vjaġġ li għamlu missirijietna, u dwar dak li kien essenzjali għalihom. Naraw kif Kristu kien dejjem magħhom, u kif xorbu minn dan l-ikel spiritwali. Ftit ġimghat oħra se jkun hawn fostna l-Papa Franġisku, li huwa r-ragħaj spiritwali tagħna. Forsi tkun idea tajba li matul dan iż-żmien nisimgħu iktar u naqraw dak li qed jgħidilna l-Papa. Dak hu ikel spiritwali li jgħinna dejjem insiru nsara tajba u nsiru dejjem nixbhu iktar lil Ġesù.

Forsi waqt li nsumu u nagħmlu sagrifiċċju, matul dan ir-Randan tajjeb li minflok nieqfu fuq dak li ma niħdux, niffukaw fuq dak li nistgħu nieħdu. Forsi naqraw iktar il-Bibbja, jew forsi nersqu iktar lejn is-Sagramenti. Nistgħu nqattgħu xi ftit iktar ħin fil-kwiet, fejn hemmhekk verament nistgħu nixorbu mill-blata spiritwali ... fis-silenzju.

Ħafna drabi s-silenzju jbeżżagħna, għax jibdew ġejjin il-ħsibijiet. Ejjew inpoġġu dawn il-ħsibijiet f'ħoġor Kristu. Fis-silenzju napprezzaw dwar dak li għandna u nirringrazzjaw lil Alla. Fis-silenzju nagħrfu lilna nfusna, lil dawk ta' madwarna li forsi għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Fis-silenzju nagħrfu kif nistgħu ngħixu ta' aħwa fi Kristu, kif nistgħu nibnu din il-familja fi Kristu.

Ejjew nirriflettu u nħallu lil Alla jkellima dwar kif nistgħu nsiru bnedmin iktar grati għal dak kollu li għandna. San Pawl qed iwiddibna biex ma jiġrilnix bħal dawk li ntilfu matul il-vjaġġ. Ejjew nibqgħu iffukati, fuq il-vjaġġ u fuq id-destinazzjoni ... li fl-aħħar mill-aħħar hi li nesperjenzaw din l-imħabba u ħniena li Alla biss jaf jagħti.

Ġesù, għinni nagħraf dak kollu li għandi f'ħajti.

Ġesù, għinni nagħraf li int dejjem miegħi, u dejjem lest li taħfirli.

Ġesù, għinni nagħraf li matul dan il-vjaġġ li xi kultant isir wisq iebes, int dejjem miegħi. Int tagħtini s-saħħa mentali, fiżika u spiritwali.

Ġesù, grazzi tan-nies madwari li qegħdin jagħmlu dan il-vjaġġ miegħi.

Ġesù, nitolbok għal dawk kollha li qegħdin jaqtgħu qalbhom għax forsi jinsabu waħidhom, forsi qed ibagħtu fiżikament.

Ġesù, nitolbok għal dawk li tbiegħdu mill-Kelma tiegħek u mill-Knisja. Għinhom jagħrfu kif int dejjem magħhom, fit-tajjeb u fil-ħażin.

Ġesù, inti tafna, taf kulma nagħmlu, għinna nagħrfuk u nsiru nafuk dejjem iktar.

Ġesù, ibagħtilna iktar nies ma' min nagħmlu dan il-vjaġġ. Għinna jkollna l-kuraġġ u l-kliem adattat biex nitkellmu dwarek u nistiednu nies oħra jidħlu għal dan il-vjaġġ.

Ġesù, agħtina l-kuraġġ għal meta naqtgħu qalbna.